



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11311/24
PV CONS 33
ENV 671
CLIMA 251

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
17 ta' Ġunju 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 10804/24 + COR 1.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġiżlattiva

10903/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-addendum.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura



11236/24

(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni:

(*) PE-CONS 74/23

l-Artikolu 192(1) TFUE)

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Finlandja, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, l-Ungerija u l-Iżvezja jivvutaw kontra u l-Belġju jastjeni (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

L-Awstrija, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Repubblika Slovakkja u l-Kummissjoni ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

4. Direttiva li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart



10820/24

Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart kif rifless fl-eżitu tal-proċedimenti (11300/24).

Il-Ġermanja ppreżentat dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.

5. **Direttiva dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi)**  10940/24 + ADD 1
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi) kif rifless fl-eżitu tal-proċedimenti (11312/24).

Il-Latvja u l-Iżvezja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

6. **Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija**  10910/24 + ADD 1
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija kif rifless fl-eżitu tal-proċedimenti (11299/24).

L-Iżvezja ppreżentat dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

7. **Konklużjonijiet dwar it-tmien programm ta' azzjoni għall-ambjent**  11003/24
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif riflessi fl-eżitu tal-proċedimenti (11326/24 + COR 1).

8. **Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040 tal-Unjoni Ewropea**  10402/24
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

9. **Komunikazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi**  10404/24
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

Affarijiet oħra

10. (a) **Proposti leġislattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)



- (i) **Regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastiċi** 10941/24
- (ii) **Regolament dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw** 11019/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- (b) **Rapport dwar laqgħa internazzjonali reċenti**

Ir-raba' sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar biex jiġi żviluppat Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti dwar it-Tniġġis mill-Plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar (INC-4) (Ottawa, il-Kanada, mit-23 sad-29 ta' April 2024)
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

10991/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.

- (c) **Termini u kundizzjonijiet tal-irkanti tal-2024 tal-Fond għall-Innovazzjoni f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (it-tieni ċiklu ta' rkanti H2)** 11103/24
Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka, Ċeka u dik Ungeriża
- (d) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Ungerija



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

(*)

Punt li jista' jintalab vot dwaru

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 10804/24 + COR 1

<u>Dwar il-punt "B"</u> <u>nru 3:</u>	Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 192(1) TFUE) <i>Adozzjoni tal-att leġiżlattiv</i>
--	--

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"Ir-regolament dwar ir-restawr tan-natura huwa wieħed mill-aktar liġijiet importanti u fundamentali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u element vitali meħtieġ fid-dawl tat-telf tal-bijodiversità globali kontinwu. Bħala parti mill-proċess tan-negożjati, irnexxielna negħlbu bosta preokkupazzjonijiet mill-Awstrija. L-għan kien li jiġi stabbilit regolament li jkun ambizzjuż u effettiv, iżda li xorta jżomm il-flessibbiltà fl-implimentazzjoni tiegħu. Fil-biċċa l-kbira dan inkiseb.

Fi kwalunkwe każ, huwa importanti għall-Awstrija li l-finanzjament għall-implimentazzjoni tar-regolament jiġi żgurat. Għalhekk nilqgħu assigurazzjonijiet li mhux biss l-Istati Membri, iżda wkoll il-fondi tal-UE ser ikunu disponibbli għall-implimentazzjoni fil-forma ta' sussidji, proġetti u inċentivi effettivi biex tiġi restawrata n-natura. Taħt l-ebda ċirkostanza l-Istati Membri u, fl-Awstrija, il-Länder ma għandhom jitħallew waħedhom b'dan.

Għandu jiġi żgurat ukoll li r-regolament jiġi ttrattat u interpretat b'mod konsistenti u mingħajr kontradizzjoni mad-direttivi eżistenti dwar il-konservazzjoni tan-natura sabiex tiġi evitata kwalunkwe inċertezza legali. F'dan il-kuntest, l-għadd kbir ta' atti delegati jitqies ukoll b'mod kritiku u l-Awstrija tappella għall-involviment f'waqtu u komprensiv tal-Istati Membri mill-Kummissjoni.

L-Awstrija biħsiebha tgħaqqad il-pjanijiet ta' rkupru tad-disa' stati federali fi pjan nazzjonali ta' rkupru wieħed u b'hekk tikkonforma mal-obbligu legali tagħha skont ir-regolament.

L-Awstrija tassumi li l-kompetenzi u ċ-ċirkostanzi nazzjonali ser jitqiesu fit-tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr. L-Istati Membri u l-Länder għandhom ikunu involuti fit-tħejjija tal-mudelli tal-format.

Iridu jitqiesu l-miżuri ta' konservazzjoni eżistenti tal-Istati Membri. L-Awstrija tilqa' l-fatt li miżuri bħall-konverżjoni tal-foresti jew il-miżuri diversi tal-programm agroambjentali Awstrijak huma rikonoxxuti bħala miżuri ta' restawr jew rinaturazzjoni."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura qed jiġi adottat f'mument meta s-settur agrikolu qed jiffaċċa sfidi fundamentali. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tenfasizza l-importanza vitali ta' settur agrikolu lest għall-futur. Ekosistemi li jiffunzjonaw huma bażi indispensabbli f'dan ir-rigward. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis li huwa kruċjali għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura li ma jirriżultawx piżijiet addizzjonali fuq l-azjendi agrikoli."

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tappoġġa bil-qawwa l-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura. Aħna nqisu li l-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura hija waħda mill-aktar għodod importanti biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf perikoluż tal-bijodiversità fl-Ewropa u jiġi żgurat ambjent b'saħħtu, reżiljenti u sikur għalina u għat-tfal tagħna. In-natura bijodiversa hija l-aktar alleat b'saħħtu tagħna fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fl-adattament għall-impatti tiegħu. Is-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel, il-forestrija, il-forniment ta' servizzi vitali tal-ekosistema – dawn kollha jiddependu fuq in-natura u l-bijodiversità. Barra minn hekk, għandna responsabbiltajiet mhux biss lejn iċ-ċittadini tagħna u l-ġenerazzjonijiet futuri iżda wkoll lejn il-komunità globali. Ir-Regolament iservi bilanċ tajjeb bejn il-miżuri meħtieġa li jindirizzaw il-ħtiġijiet urġenti u reali tal-ambjent naturali, u fl-istess ħin iqis l-isforzi u ċ-ċirkostanzi differenti fl-Istati Membri u jipprovdi l-flessibbiltajiet meħtieġa biex dawn jiġu indirizzati."

DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

"Il-Latvja għadha tikkondividi tħassib serju dwar il-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet dwar ir-restawr tal-ekosistemi agrikoli fir-rigward ta' miżuri li għandhom l-għan li jirrestawraw il-ħamrija organika fl-użu agrikolu li tikkostitwixxi torbieri skulati.

Madankollu, il-Latvja tappoġġa l-adozzjoni tal-Proposta għal Regolament dwar ir-restawr tan-natura, kif ukoll l-għan ewlieni ta' din il-proposta - li n-natura tinġieb lura fil-kontinent kollu għall-benefiċċju tal-bijodiversità, il-klima u n-nies.

Fl-opinjoni tagħna, dispożizzjonijiet ibbażati fuq l-isforz b'miri kwantitattivi għar-restawr u t-tixrib mill-ġdid tal-ħamrija organika għadhom jikkostitwixxu riskju li ċerti Stati Membri b'kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi jiġu affettwati b'mod sproporzjonat.

Il-Latvja hija Stat Membru b'sehem fost l-aktar baxxi ta' art agrikola (30 % mid-daqs totali tal-art) fl-UE. Fl-istess ħin il-Latvja hija waħda mill-ftit Stati Membri bl-ogħla sehem ta' ħamrija organika li tinsab fuq artijiet agrikoli.

Minħabba l-ispeċifità jiet u ċ-ċirkostanzi partikolari, jenħtieġ li l-miżuri ta' restawr permezz tat-tixrib mill-ġdid ma jaffettwawx b'mod negattiv il-produzzjoni agrikola, li hija waħda mis-setturi ekonomiċi ta' prijorità fil-Latvja.

Barra minn hekk, it-tixrib mill-ġdid iżid ukoll l-emissjonijiet tal-metan, li huwa t-tieni l-aktar gass li jikkontribwixxi għall-effett ta' serra. F'xi każijiet, it-tixrib mill-ġdid jista' jmur kontra l-kisba tal-għanijiet klimatiċi tal-LULUCF tal-Latvja, speċjalment fuq terminu qasir.

Id-disponibbiltà ta' finanzjament addizzjonali hija prerekwiżit essenzjali biex jintlaħqu l-miri stabbiliti minn dan ir-regolament.

Meta jiġu stabbiliti l-miri ambjentali u klimatiċi - l-aspetti kollha tas-sostenibbiltà tal-ġestjoni tal-art, l-agrikoltura u l-forestrija jridu jitqiesu b'mod ibbilanċjat."

DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA

"Il-Litwanja tikkondividi tħassib dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura. Speċjalment fil-qasam tal-agrikoltura minħabba dispożizzjonijiet dwar ir-restawr ta' ekosistemi agrikoli.

Madankollu, il-Litwanja tappoġġa l-għan ġenerali u l-miri speċifiċi tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura li jagħtu kontribut kbir għar-restawr kontinwu u fit-tul tal-ekosistemi fiż-żoni tal-art u tal-baħar kollha tal-Unjoni Ewropea.

Aħna nemmnu li r-Regolament jista' jsib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-miżuri meħtieġa biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u l-kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi differenti tal-Istati Membri u l-provvediment tal-flessibbiltà meħtieġa biex dawn jiġu indirizzati.

Madankollu, l-implimentazzjoni tar-Regolament ser iżżid il-piż amministrattiv u finanzjarju, speċjalment fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija fil-Litwanja. Għalhekk, finanzjament stabbli, ċar, solidu u mmirat, b'mod partikolari permezz tal-istrumenti finanzjarji tal-UE, huwa wieħed mill-prekundizzjonijiet għall-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri ta' restawr u għall-kumpens għal livelli differenti ta' restrizzjonijiet fuq l-attività ekonomika.

Barra minn hekk, ir-rekwiżiti l-ġodda ma jridux jaffettwaw b'mod negattiv il-produzzjoni agrikola, kif ukoll il-ktajjen tal-provvista tal-ikel. L-ispeċifikitajiet nazzjonali għandhom jitqiesu matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, filwaqt li jinżammu fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u jiġi allokat finanzjament suffiċjenti mill-istrumenti finanzjarji Ewropej."

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS

"Il-Gvern tan-Netherlands jixtieq itenni li huwa jissottolinja l-importanza tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura u jappoġġa l-ambizzjoni ġenerali tiegħu. Nixtiequ niringrazzjaw lill-Presidenza Franċiża, Żvediża, Spanjola u Belġjana kif ukoll lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew għall-approċċ kostruttiv tagħhom fil-konklużjoni tar-Regolament. Nixtiequ nesprimu l-apprezzament tagħna lis-sħab kollha tal-UE li hađu t-tħassib tan-Netherlands bis-serjetà u ppruvaw isibu soluzzjonijiet biex jakkomodaw dawn l-isfidi matul in-negozjati.

Madankollu, il-Parlament Netherlandiż adotta b'maġġoranza vasta mozzjoni li titlob lill-Gvern jivvota kontra r-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, meta titqies l-isfida sostanzjali biex jintlaħqu l-oġettivi attwali u futuri biex tiġi restawrata n-natura fil-kuntest ta' densità għolja tal-popolazzjoni u pressjoni għolja fuq l-użu tal-art ikkawżata minn asserzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali f'kompetizzjoni, u r-riskji relatati ta' konsegwenzi legali u ta' politika. L-għanijiet vinkolanti għall-2040 u l-2050 stabbiliti permezz tar-Regolament jintensifikaw l-isfidi għall-implimentazzjoni. Konsegwentement, il-Gvern tan-Netherlands ser jivvota kontra r-Regolament.

Meta r-Regolament jiġi adottat uffiċjalment u jkun daħal fis-seħħ, in-Netherlands huma impenjati li jimplimentaw ir-Regolament b'mod li jirnexxi. Għandna l-għan li nimplimentaw ir-Regolament b'tali mod li l-piż amministrattiv u r-rekwiżiti legali għal proġetti rilevanti għas-soċjetà jkunu limitati kemm jista' jkun u ser infittxu użu multifunzjonali tal-art u tar-riżorsi fil-qafas tar-Regolament. In-Netherlands jistennaw b'interess li jżommu djalogu kontinwu mal-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżguraw li r-Regolament jikkontribwixxi għar-restawr tal-ekosistemi għan-nies, il-klima u l-pjaneta."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Il-Polonja tapprezza l-isforzi li għamlu l-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew fit-thejjja tar-Regolament propost, li hu tweġiba għall-waħda mill-aktar sfidi kbar fid-dinja moderna. Il-Gvern Pollak jirringrazzja lill-Presidenza Franċiża, Żvediża, Spanjola u Belġjana għall-isforzi tagħhom biex jilħqu kompromess matul in-negozjati dwar dan ir-Regolament.

Il-Gvern Pollakk jifhem bis-siġħ il-hteġa għal miżuri effettivi biex iħarsu u jirrestawraw ir-riżorsi naturali, bħal dawk inklużi fil-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura tal-UE, u l-appoġġ għal dan l-att li wrew għadd ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi, komunitajiet xjentifiċi u Stati Membri oħrajn. Il-Polonja enfasizzat kemm-il darba r-rwol u l-importanza tal-bijodiversità u l-impatt tagħha fuq it-tħaddim tajjeb tal-ekosistemi kollha u s-sigurtà tas-soċjetajiet tal-lum u tal-futur fil-kuntest tal-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. Ir-Regolament jonqos milli jagħraf id-diskrepanzi possibbli bejn l-oġettivi ta' ħarsien u restawr tal-ekosistemi u l-metodi ta' kif jiġu implimentati dawn l-oġettivi. Għal din ir-raġuni, il-Polonja ma tistax tappoġġa r-Regolament.

Kwistjonijiet marbutin mal-agrikoltura - mhux biss fil-Polonja iżda fl-Unjoni Ewropea inġenerali - jqajmu dubji leġittimi dwar l-adozzjoni sħiħa tal-prinċipji tal-abbozz ta' Regolament. Dawn il-kwistjonijiet huma spiss marbutin mal-elementi bażiċi tat-tħaddim tas-suq agrikolu tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-bidliet sistemiċi introdotti skont il-prinċipji tal-istrateġija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li qed jiġu nnegozjati mill-ġdid bħalissa.

Il-Polonja tqis li l-oġettivi tar-Regolament huma ambizzjużi; Madankollu, hemm tħassib dwar jekk dawn l-attivitajiet jistgħux isiru b'mod effettiv, partikolarment mill-aspett finanzjarju. Mindu bdiet il-ħidma fuq il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura, il-Polonja dejjem qajmet il-kwistjoni tan-nuqqas ta' garanzija ta' riżorsi finanzjarji adegwati għar-restawr tan-natura (għall-konformità mal-obbligi skont ir-Regolament). Biex ngħaddu għall-fażi ta' implimentazzjoni tal-oġettivi ddikjarati neħtieġu żieda fil-livell ta' allokazjonijiet finanzjarji għal-attivitajiet ta' restawr tan-natura.

Barra minn hekk, fil-fehma tal-Polonja l-perjodu ta' żmien stipulat fid-dokumenti mhuwiex xieraq, minħabba l-komplessità u n-natura dewwiema tal-ippjanar u l-proċessi ta' bini mill-ġdid u restawr tal-ekosistemi."

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA SLOVAKKA

"Ir-Repubblika Slovakka dejjem kienet impenjata għall-għanijiet tal-proposta, jiġifieri li tikkontribwixxi għal restawr fit-tul u permanenti ta' ekosistemi bijoloġikament diversi u reżiljenti madwar l-Unjoni Ewropea.

Ir-Repubblika Slovakka diġà laqgħet l-għan ewlieni tagħha li tipproteġi aktar minn 20 % tal-wiċċ ta' pajjiżna u, għalhekk, l-adozzjoni tal-proposta mhux ser ikollha impatt negattiv fuq ir-Repubblika Slovakka.

Fl-istess ħin, huwa mifhum li l-proposta qajmet diversi preokkupazzjonijiet fost l-Istati Membri, inkluż ir-Repubblika Slovakka, b'mod partikolari b'rabta mal-piż finanzjarju u amministrattiv. Madankollu, matul in-negozjati fil-Kunsill u mal-Parlament Ewropew ġew introdotti elementi ta' bbilanċjar tal-flessibbiltà, anke fuq talba tar-Repubblika Slovakka, li allinjaw il-proposta mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà – prinċipji li huma minquxa fit-Trattati biex tiġi ssalvagwardata s-sovranià tal-Istati Membri.

Il-finanzjament tal-isforzi għar-restawr tan-natura minn sorsi tal-UE, li ser jissaħħaħ bl-adozzjoni tal-proposta, jirrappreżenta opportunità għar-Repubblika Slovakka minħabba l-isforzi meħtieġa biex jiġu newtralizzati l-piżijiet ambjentali u tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta fil-lokalitajiet b'legat ta' attivitajiet industrijali peżanti, speċjalment fil-Lvant tas-Slovakkja. Ir-Repubblika Slovakka ttenni li l-adozzjoni ta' din il-proposta tagħmel evidenti l-hteġġa li l-finanzjament tal-miżuri tal-bijodiversità jiġi indirizzat matul in-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Ir-Repubblika Slovakka tqisha bħala opportunità biex tattira sorsi finanzjarji sinifikanti biex tirrestawra l-bijodiversità fiż-żoni l-kbar ta' pajjiżna li sofrew ħsara mill-impatti tal-industrijalizzazzjoni matul l-era komunista.

Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel fl-Ewropa jeħtieġ li tibqa' fil-qalba tat-tfassil tal-politika Ewropea meta titwettagħ it-tranżizzjoni ekoloġika. Il-flessibbiltajiet għall-ekosistemi agrikoli inklużi fil-proposta huma ta' importanza enormi f'dan ir-rigward. It-tnaqqis tal-piż fuq il-bdiewa Ewropej u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli f'dan is-settur ekonomiku vitali huma prinċipji gwida għar-Repubblika Slovakka – mhux biss fis-sitwazzjoni ta' kriżi attwali.

Huwa meħtieġ bilanċ tajjeb bejn l-isforzi għall-protezzjoni tal-bijodiversità u t-twerttiq mhux disturbat tal-attivitajiet tal-bniedem, speċjalment dawk relatati mal-mod ta' għajxien rurali tradizzjonali, biex jiġi żgurat l-appoġġ pubbliku għall-politiki Ewropej. Il-hteġġa li tiġi adottata leġiżlazzjoni realistika, li tkun flessibbli biżżejjed biex tirrifletti l-bidliet fil-post u l-iżviluppi soċjoekonomiċi dinamiċi, saret evidenti dwar il-kwistjoni tal-karnivori l-kbar u l-proċess tedjanti biex jiġi rifless it-tkabbir fil-popolazzjonijiet tagħhom u l-impatti soċjoekonomiċi tiegħu fir-reviżjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna u d-Direttiva dwar il-Ħabitats.

Ir-Repubblika Slovakka tagħmel parti minn dawk l-Istati Membri li diġà jissodisfaw il-biċċa l-kbira tal-kriterji stabbiliti fil-proposta llum. Għad hemm ekosistemi li juru grad għoli ta' naturalità u preservazzjoni tal-bijodiversità, li huwa evidenzjat ukoll mill-valur nazzjonali tal-indiċi tal-bijodiversità tal-EPI ta' 82.7 fl-2022. Għalhekk, fl-interess li tiġi restawrata n-natura hemmhekk, fejn tħarbtet l-aktar, u fid-dawl tal-progress fin-negozjati deskritti hawn fuq, ir-Repubblika Slovakka tivvota favur il-proposta."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"L-UE u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus").

L-Istati Membri jinħtiġilhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku kkonċernat, li għandhom interess suffiċjenti jew li iżommu l-indeboliment ta' dritt f'konformità mad-dritt nazzjonali, ikollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja, jew korp indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi, biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr u kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, irrispettivament mir-rwol li l-membri tal-pubbliku kkonċernat kellhom matul il-proċess għat-tħejjija u l-istabbiliment ta' tali pjanijiet nazzjonali ta' restawr. Dan għandu jikkonforma mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea relatata mal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u b'rispett sħiħ tal-obbligi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom għalihom bħala partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus¹."

Dwar il-punt "B" **nru 4:**

Direttiva li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"DE tista' taqbel mal-Approċċ Ġenerali permezz ta' kompromess, iżda tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-aspetti li ġejjin: DE kienet tappoġġa pożizzjoni aktar ambizzjuża tal-Kunsill fir-rigward tal-miri ta' tnaqqis għall-ħela tal-ikel ("mill-inqas 35 %").

L-Istati Membri diġà impenjaw ruħhom li jnaqqsu l-ħela tal-ikel skont l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 12.3. Fil-fehma tagħna, il-miri għat-tnaqqis proposti mill-Kummissjoni għall-perjodu mill-2020 sal-2030 mhumiex konformi mal-SDG 12.3 u ma jqisux biżżejjed il-potenzjal eżistenti ta' tnaqqis biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-iskart tal-ikel sal-2030. DE hija tal-opinjoni li l-miri proposti għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel għandhom jiġu proporzjonalment mill-SDG 12.3 u għalhekk għandhom jammontaw mill-inqas għal 35 % għas-setturi kollha, bl-eċċezzjoni tal-produzzjoni primarja, fir-rigward tas-sena ta' referenza 2020. Il-potenzjal eżistenti ta' tnaqqis fis-setturi kollha jista' jiġi sfruttat biss flimkien ma' miri u miżuri ambizzjużi korrispondenti għat-tnaqqis minimu. Dan ifisser li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miri aktar ambizzjużi għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel f'kull settur fil-livell nazzjonali.

Fil-DE, is-setturi tal-bejgħ bl-imnut u tal-forniment tal-ikel barra mid-dar diġà intrabtu ma' dawn il-miri ta' tnaqqis ta' 30 % sal-2025 u 50 % sal-2030 fi ftehimiet dwar il-miri. Dan jeħtieġ li jiġi rikonoxxut politikament. Għaldaqstant, is-setturi tal-bejgħ bl-imnut, tal-forniment tal-ikel barra mid-dar u tad-djar privati m'għandhomx jiġu indirizzati flimkien, iżda pjuttost fuq bażi speċifika għas-settur."

¹ Ara wkoll il-Komunikazzjoni dwar "It-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha" (dok. 11854/20 - COM(2020) 0643).

DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

"Il-Latvja tappoġġa l-oġġettivi ewlenin tad-Direttiva li żżid il-livell ta' protezzjoni ambjentali u tikkontribwixxi għall-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija ċirkolari, nadifa u newtrali għall-klima fl-UE.

Fl-istess ħin, nemmnu li l-miżuri adottati biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi għandhom joffru biżżejjed valur miżjud u jkunu prattiċi u effettivi. L-Artikoli 11, 12, 15 u 17 għadhom iqajmu tħassib minħabba li jimponu piż amministrattiv u finanzjarju addizzjonali bla bżonn fuq l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq kif ukoll fuq in-negozjanti, filwaqt li japplikaw kundizzjonijiet dettaljati żżejjed għall-monitoraġġ, it-trattament tal-ilmenti u l-impożizzjoni ta' penali.

Il-Latvja hija partikolarment imħassba dwar il-piż u l-ispejjeż amministrattivi li d-Direttiva toħloq għall-imprendituri, speċjalment l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (minn hawn 'il quddiem "SMEs") u l-mikrointrapriżi, kif ukoll ir-regoli stretti proposti rigward il-penali. Nemmnu li rekwiżiti separati għal niċċa waħda joħlqu inċertezza u mhumiex meħtieġa.

L-ewwel nett, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti l-ġodda proposti ser iżidu l-piż fuq il-kummerċjanti matul il-proċess ta' implimentazzjoni peress li hemm tant rekwiżiti ġodda bil-proċessi ta' ċertifikazzjoni u verifika li ser jieħdu ħafna ħin, u b'hekk idewmu t-trasferiment tal-informazzjoni lill-konsumaturi. Il-Latvja temmen li trid tinkiseb il-proporzjonalità biex tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda tas-suq.

Nemmnu li l-preżentazzjoni dettaljata u l-lista ta' dmirijiet, asserzjonijiet u skemi relatati mal-klima fil-proposta mhux ser iżidu l-valur iżda ser joħlqu piż amministrattiv sinifikanti għall-awtoritajiet kompetenti. Filwaqt li kulħadd jaqbel li t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huwa kruċjali biex tinżamm il-kompetittività tan-negozju Ewropew, din il-proposta sfortunatament tmur fid-direzzjoni opposta tal-mira tal-Kummissjoni Ewropea li tnaqqas ir-rappurtar b'25 %.

It-tieni nett, fil-fehma tal-Latvja, ir-rwol tal-Kummissjoni għandu jissaħħa fl-għoti ta' miżuri ta' appoġġ stipulati fid-Direttiva lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi. Ħafna obbligi ġodda diġà huma imposti fuq l-Istati Membri minn din id-Direttiva (piż amministrattiv addizzjonali fuq l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jiddetermina l-kundizzjonijiet dettaljati għas-superviżjoni, it-trattament tal-ilmenti u l-applikazzjoni tal-penali, l-iżgurar li n-negozjanti qed jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha, il-valutazzjonijiet meħtieġa biex jagħtu prova tal-asserzjonijiet tagħhom dwar il-klima, eċċ.)

Barra minn hekk, aħna nżommu r-riżervi tagħna dwar is-sistema ta' penali stipulata fl-Artikolu 17. Aħna ma nemmnux li tali miżuri huma meħtieġa, peress li regoli simili huma diġà stabbiliti fid-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (minn hawn 'il quddiem "UCPD") u huma biżżejjed f'dan il-kuntest. Il-penali proposti f'din id-Direttiva jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-applikazzjoni tal-UCPD bħala għodda orizzontali għall-protezzjoni tal-konsumatur.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Latvja tastjeni mill-vot."

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA

"L-Iżvezja temmen li t-test ta' compromess fil-biċċa l-kbira tal-partijiet jikseb bilanċ tajjeb bejn protezzjoni b'saħħha tal-konsumatur, protezzjoni effettiva tal-ambjent u l-interess tal-kummerċjanti.

L-Iżvezja ttenni t-tħassib tagħha dwar l-inklużjoni tal-mikrointrapriżi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva. L-Iżvezja temmen li l-mikrointrapriżi, u speċjalment dawk fil-katina alimentari, ma għandhomx biżżejjed kapaċità amministrattiva, u hu għalhekk li aktar rekwiżiti jimplikaw piż sproporzjonat fuq dan il-grupp.

F'dan il-kuntest, l-Iżvezja tinnota wkoll il-pożizzjoni adottata tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2024 b'appoġġ għall-proposta tal-Kummissjoni li jiġu eżentati l-mikrointrapriżi. L-Iżvezja ser tkompli targumenta favur eżenzjoni waqt it-trilogi u għandha fiduċja li l-Presidenza li jmiss ser taħdem għal soluzzjoni aċċettabbli bejn l-istituzzjonijiet."

Dwar il-punt "B" **nru 6:**

Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija *Approċċ ġenerali*

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA

"Fin-negozjati, il-proposta għal Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija mxiet fid-direzzjoni t-tajba fil-biċċa l-kbira tal-partijiet, u żiedet sostanzjalment il-flessibbiltà għall-Istati Membri.

L-Iżvezja ttenni t-tħassib tagħha dwar l-inklużjoni fid-Direttiva ta' prinċipji komuni ta' ġestjoni sostenibbli. Għalkemm l-Approċċ Ġenerali jikkjarifika li l-prinċipji ta' Ġestjoni fl-Anness III huma prinċipji ta' gwida, l-Iżvezja jiddispjaċiha tara li l-Artikolu 10 għad għandu ambitu wiesa' wisq u tiffavorixxi b'mod qawwi t-tħassir tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu u tal-Annessi korrispondenti. Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat li l-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija għandha tiġi applikata biss għall-ħamrija f'saħħa ħażina.

F'dan il-kuntest, l-Iżvezja tinnota wkoll il-pożizzjoni adottata tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024, u għandha fiduċja li l-Presidenza li jmiss ser taħdem għal soluzzjoni aċċettabbli bejn l-istituzzjonijiet matul it-trilogi."